# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josef Gauci]**
**vs**
**Harrer Gusztav**

**Kumpilazzjoni Numru: 500/18**

**Illum, 13 ta' Gunju, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Harrer Gusztav detentur tal-karta tal-identita` numru 107639A akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Lulju 2018, ghall-habta tas-sitta u ghoxrin ta' filghaxija (18:20hrs), gewwa The Bugibba Hotel, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara ta' natura gravi fil-gisem ta' Raymond Sultana (eta' 61 sena), detentur tal-karta tal-identita' 200757M, skont ma ccertifikat Dr. Jade Zammit MD tal-isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216 u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' ta' Raymond Sultana jew ghaz-zamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus u dan ai terminu tal-artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra Harrer Gusztav, a beneficcju ta' Raymond Sultana u dan fit-terminu tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikoli 214, 216 u 222A(1)) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi din il-kawza, hekk kif xehed **<u>l-Ispettur Josef Gauci</u>**, titratta fuq allegat argument li nqala' f'lukanda f'Bugibba

bejn l-imputat u l-parte civile Raymond Sultana fejn dawn kienu jahdmu fejn fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2018 mar jirraporta l-parte civile l-ghassa l-Qawra. Irrizulta illi ftit jiem qabel l-incident certu Goran Bicanin li kien jahdem bhala dishwasher fl-istess lukanda dahal fil-kcina u ra hafna platti mahmugin. Dan mar jghid lill-imputat li min-naha tieghu ha xi ritratti ta' dawn il-platti mahmugin. Sultana beda jghid lill-imputat biex jieqaf izda dan baqa' jiehu ritratti u hemmhekk sehh l-incident. Jghid illi rrizulta illi allegatament l-imputat qabad lil Sultana minn ghonqu u gibidlu l-gizirana u kissirlu n-nuccali. Jghid illi f'dak il-punt Goran mar biex iferraqhom. Jghid illi l-parte civile Raymond Sultana mar jaghmel rapport tlett (3) ijiem wara peress li kien qed jiehu l-kura medika peress li kellu frattura f'imniehru kagun ta' dan l-incident.

Xehdet **<u>WPS 223 Charlene Calleja</u>** li kienet l-ufficjal li hadet ir-rapport ta' Raymond Sultana fl-ghassa tal-Qawra fejn ikkonfermat bil-gurament ir-rapport esebit fl-atti.

Semghet lil **<u>Goran Bicanin</u>** fejn spjega li dan jahdem bhala cleaner fil-lukanda f'Bugibba fejn huwa kien prezenti meta l-imputat u Sultana bdew jitlewwmu ghaliex Gusztav kien qed jiehu vidjow tal-platti u kif ukoll ha vidjow tal-parte civile tahraq kontenitur. Huwa jispjega illi Sultana beda

jipprova jiehu l-mowbajl tal-imputat ghaliex ried li dan il-vidjow jithassar. Huwa jghid illi dawn it-tnejn bdew jiggieldu izda ma setax jara min beda l-ewwel. Jghid illi l-affarijiet ikkalmaw meta ntervjena hu. Jghid illi dakinhar kien hemm hafna kontenituri tal-ikel mahmugin u kien hemm ukoll hafna duhhan ta' dan l-ikel mahruq. Jghid illi n-nar jaqbad hallieh Raymond Sultana li forsi nesa n-nar mixghul u b'hekk kien hemm il-hruq u d-duhhan.

Jghid illi Sultana kien irrabjat hafna ghall-imputat izda ma jafx ezatt min ta l-ewwel daqqa. Jghid illi fil-passat l-imputat u Sultana kellhom xi battibekki bejniethom izda qatt ma kienu gew fl-idejn.

Xehed il-parte civile **<u>Raymond Sultana</u>** fejn dan jghid illi huwa kien jahdem bhala Chef f'din il-lukanda li jisimha TBH Hotel u fejn ma setax jiftakar il-gurnata meta sar l-incident, jghid illi kien hemm hafna platti li thallew mix-xift ta' filghaxija u l-imputat beda jikkomplejnja. Ix-xhud jghid illi qallu biex ma jindahalx. Dan jghid illi l-imputat baqa' jiehu r-ritratti u f'daqqa wahda beda hiereg in-nar. Dan rega' beda jghidlu biex ma jibqax jiehu r-ritratti u jghid illi meta kien miexi fil-kcina, l-imputat hareg minn wara l-kolonna u jtih daqqa ta' ponn ghal xejn b'xejn. Jghid illi hatfu wkoll u qataghlu l-katina li kien liebes. Jghid illi

mar id-dishwasher biex iferraqhom. Jghid illi wara l-incident mar il-klinika fejn dawn iccertifikawlu li kellu krakkjatura f'imniehru.

Ix-xhud ikkonferma li kemm-il darba kellu battibekki mal-imputat fejn jghid illi dan ghandu rasu iebsa u ma kienx jisma' minnu meta jghidlu xi haga. Huwa jghid illi bid-daqqa sturda mill-ewwel. Jghid illi huwa kien ser jaghlaq it-tlieta u sittin (63) sena.

Inkontroezami x-xhud jghid illi kien hemm il-hobz fuq in-nar u jahseb illi l-imputat ghollielu imma ma rahx jaghmel hekk. Huwa jghid illi wara li l-imputat tah daqqa ta' ponn huwa storda u mbaghad cempel lill-kollega tieghu Rylene u din giet tiehdu l-klinika. Huwa jghid illi l-professur ma riedx joperah ghaliex kien tajjeb.

Rat l-affidavit tat-tabib **Dr. Jade Marie Zammit** li kkonfermat illi Raymond Sultana sofra minn feriti gravi stante li kellu fratturi fl-ghadma tal-imnieher u tbengila fuq il-wicc in-naha tax-xellug.

Rat in-nota ta' rinunzja tal-proceduri da parti tal-parte civile Raymond Sultana esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok RSA.

Semghet lill-espert nominat minn din il-Qorti u cioe’ **Dr. Frederick Zammit Maemple** li ezamina lill-parte civile Raymond Sultana li jghid illi ezaminah disgha u tletin (39) xahar wara l-allegat incident u jghid illi l-fratturi tal-imnieher ghalqu kompletament u ma hallewx l-ebda devjazzjoni. Dawn il-fratturi kienu griehi gravi per durata. (Dok FZM1)

**Ikkunsidrat**:

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm inghataw zewg verzjonijiet kemxejn differenti mhumiex xorta wahda ’l boghod minn xulxin. Ghaldaqstant il-Qorti ser tqis dawn l-istess verzjonijiet, u cioe` dik tal-parte civile u dik tal-imputat, bhala fattwali.

Illi din il-Qorti setghet tezamina attentament ix-xhieda tal-parte civile kif ukoll tal-imputat u tikkonstata illi minghajr ombra ta’ dubju l-verzjoni tal-imputat hija l-aktar veritjiera tenut kont illi dak li qal il-parte civile ma jaghmilx sens u dan ghaliex skont kif qal hu li semplicement l-imputat tah daqqa ta’ ponn ghal xejn b’xejn ma taghmilx sens. Huwa aktar verosimili kif qal l-imputat fl-istqarrija tieghu illi l-parte civile ried johodlu l-mobajl li hemmhekk saret il-kollutazzjoni. Inoltre’ ix-xhud li kien prezenti jghid illi dan

mar biex iferraqhom u ghalhekk dan il-fatt jindika li t-tnejn li huma kienu f'kollutazzjoni ma' xulxin u mhux biss illi l-parte civile kien qed jaqla' mill-imputat kif xehed il-parte civile.

Illi ghalhekk, filwaqt li l-verzjoni tal-parte civile ma tistax tittiehed bhala stat ta' fatt ta' kif gara l-incident flimkien mal-fatt illi dan sussegwentement irrinunzja ghall-azzjoni kriminali, ma tistax tkun konvinta mill-kolpevolezza tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Harrer Gusztav hati tal-akkuza kif dedotta kontrih stante li ma gietx ippruvata oltre' d-dubju dettat mill-ligi u kwindi tilliberah minnha.

__________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**